MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 597/2000/1

**Angela *sive* Angelle Pullicino**

**vs**

**William Camilleri**

**Il-Qorti,**

**<u>I.      PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Jannar 1998, gewwa l-Knisja tal-Kapuccini, Floriana, meta l-attrici kellha dsatax-il sena u l-konvenut sitta u ghoxrin sena (hawn anness kopja tac-Certifikat taz-Zwieg Dok "A") u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-kontendenti isseparaw *de facto* f'Marzu 1998 u sussegwentement isseparaw permezz ta' kuntratt ta'

separazzjoni pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat l-24 ta' Lulju 1998;

U illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew *stante* li kien anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

U illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-17 ta' Jannar 1998 fil-Knisja tal-Kapuccini. Floriana, u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 2000 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici.  Aktar tard deher Dr. Toni Abela ghall-konvenut li nforma lill-Qorti li l-eccezzjonijiet gewipprezentati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-8 ta' Novembru 2000 a fol. 12 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjent ma ghandux responsabilta' ghall-kawza li wasslet ghall-annullament u ghalhekk kull tort ghandha tissaportih l-attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Claire Bonello bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota ta' l-attrici tad-19 ta' April 2001 li permezz taghha pprezentat affidavit taghha u iehor ta' Josephine Pullicino.

Rat il-verbali tal-20 ta' Settembru 2001 u tal-11 ta' Jannar 2002.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali.

Rat il-verbal tal-5 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat in-nota tal-konvenut tal-15 ta' April 2002 li biha esebixxa kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella LL.D. tal-14 ta' Lulju 1998.

Rat il-verbali tas-27 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li l-provi gew maghluqa u l-Perit Legali ghandha tirredigi r-rapport; tat-23 ta' Ottubru 2002; tal-10 ta' Dicembru 2002; tas-7 ta' Jannar 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Claire Bonello kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghall-lum 13 ta' Marzu 2003 ghas-sentenza.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Claire Bonello.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI:

Illi **l-attrici Angela *sive* Angele Pullicino** xehdet permezz ta’ affidavit u *viva voce*. Fl-affidavit taghha xehdet li ltaqghat mal-konvenut meta kellha hmistax-il sena. Hu kien sitt snin akbar minnha. Damu erba’ snin johorgu flimkien, tul liema zmien il-hrug taghhom kien jikkonsisti fil-fatt li l-attrici kienet takkompanja lill-konvenut fuq xoghlu waqt li jwassal in-nies bil-minivan ta’ missieru.

Illi t-tip ta’ xoghol tal-konvenut kien il-kawza ta’ hafna glied bejn il-kontendenti. L-attrici kienet tippretendi li l-konvenut issib xoghol iehor u ma jkomplix jahdem ma’ missieru u jiddependi fuq il-genituri tieghu. Il-konvenut qatt ma ghamel sforz biex issib impieg iehor. L-attrici kienet tahdem go fabbrika.

Illi tul l-eghrusija l-kontendenti kienu jiggieldu ta’ spiss u jaghmlu perjodi twal mifrudin. Kienu jiffrekwentaw nies ohra waqt li kienu mifrudin. L-attrici saret taf li l-konvenut kien qed jiltaqa ma terza persuna waqt li kien qed johrog maghha. Xehdet li b’pika regghet harget mal-konvenut li ammetta li kien kellu relazzjoni ma mara ohra. Dakinhar stess iddecidew li jizzewgu u ffissaw id-data tat-tieg ghal seba’ xhur il-quddiem. Peress ma kellhomx mezzi biex jixtru dar fejn joqoghdu iddecidew li jghidu lill-genituri taghhom li l-attrici kienet tqila, biex il-genituri tal-konvenut jipprovdulhom dar. Il-konvenut hareg b’din l-idea wara li ra li missieru kien ta flat lill-ohtu wara din kienet harget tqila qabel iz-zwieg.

Illi l-attrici kienet spjegat kollox lil ommha li ma haditx gost b’din il-gidba u riedet tikxef kollox lill-genituri tal-konvenut. Il-konvenut ipperswadiha biex ma taghmilx hekk. Preparazzjoni ghat-tieg ftit li xejn kien hemm, da parti tal-konvenut u kienu l-attrici u ommha li ghamlu l-akbar preparattivi.

Illi dakinhar tat-tieg il-kontendenti marru joqghodu fi flat gewwa Bugibba li kien tahom missier il-konvenut. L-attrici kienet qed thoss dwejjaq kbar u rat il-konvenut ikrah.

Illi wara  xi xahrejn zwieg, il-konvenut allega li l-attrici kellha relazzjoni ma terza persuna – allegazzjoni li l-attrici cahdet kategorikament. Il-konvenut m'emminiex u kecciha barra mid-dar. Wara dan l-incident l-attrici telqghet mid-dar.

Illi *viva-voce*, **l-attrici** in kontro-ezami xehdet hekk:-

*"Naqbel li l-maggur parti tal-erbgha snien ta gherusija taghna ghamilnihom mifrudin u gieli kien ikollna partners differenti. Nahseb li hrigt ma xi zewg guvintur ohrajn tul dan il-perjodu. Konna niggieldu hafna specjalment fuq flus u fejn konna ser noqghodu. Jiena kont ngieghlu biex jahdem ghar-rasu mhux ma missieru ghax dan mhux dejjem kien ihallsu. Jiena kont nahdem go fabbrika izda ma kontx infaddal ghat-tieg.*

*Qabel ma konna ha nizzewgu konna miggieldin u mifrudin ghal xi sitt xhur, imbaghad irrangajna u hsibna li biz-zwieg ha nsolvu l-problemi kollha. Hu kien hareg bl-idea tat-tqala finta tieghi biex ikun jista' jakkwista l-post tal-genituri tieghu f'Bugibba. Jien accetajta din l-idea ghax hsibt li b'hekk ha nsib dar lesta. Ommi kienet taf bil-verita u kienet ha tikxifna lill-genituri tieghu.*

*Tul ix-xahrejn li domna mizewgin kielna dejjem ghand ommi.*

*Dakinhar tat-tieg kelli (19) dsatax-il sena. "I was taking it lightly" u kieku kelli nerga lura ma nizzewwigx.*

*Illum ghandi partner iehor u dan jahdem ghar-rasu. Hu aktar matur u nippjanaw kollox flimkien."*

Illi **Josephine Pullicino** omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit kif ukoll *viva voce*.

Illi fl-affidavit taghha hi xehdet li kienet tinduna li l-kontendenti ma kienux maturi bizejjed biex jizzewwgu. Tul l-erba' snin li damu flimkien, il-partijiet kienu jdumu xahar shah mifrudin u miggieldin. It-tnejn kienu johorgu ma' terzi persuni f'dawn il-perjodi.

Illi x-xhud tghid li ma ratx il-kontendenti jippreparaw serjament ghaz-zwieg u qatt ma rathom ifaddlu. L-attrici ma kienetx issemmi iz-zwieg u iktar kienet mohha fil-hwejjeg, divertiment u safar. Ix-xhud tikkonferma li il-partijiet kienu jiggieldu hafna minhabba l-impenji tax-xoghol tal-konvenut bil-Mini vann ta' missieru. Minhabba dawn l-impenji ma kienux johorgu u jithalltu man-nies u l-attrici kienet tiddejjaq b'din is-sitwazzjoni.

Illi omm l-attrici tghid li meta l-partijiet qalula li kienu ser jizzewgu hi hasset li ma kienux lesti ghal dan il-pass. Ma haditx gost bl-istorja tat-tqala finta u riedet tghid kollox lill-genituri tal-konvenut. Ix-xhud ma ratx preparazzjoni serji ghat-tieg minn naha tal-partijiet. Fil-fatt ghaddew tlett xhur biss minn meta qalula li ser jizzewgu sad-data tat-tieg, u f'dan iz-zmien saru l-preparamenti kollha u marru l-kors ta' Kana.

Illi wara z-zwieg il-partijiet kienu jserrhu fuq il-genituri tal-attrici u kienu jieklu d-dar taghhom kwazi kuljum u omm l-attrici kienet taghmlilhom ix-xirja tal-gimgha. Ta spiss l-attrici kienet tgerger ma ommha u tghid kemm kienet imdejqa toqghod ma ommha u anke kienet tikbi.

Illi xi xahrejn wara li zzewgu, l-attrici rritornat d-dar u qalet li ma riedetx tkompli tghix mal-konvenut.

Illi **Josephine Pullicino** *viva voce* in kontro-ezami xehdet hekk:-

*"Jiena omm l-attrici. Kienu damu xi erbgha snien gharajjes izda aktar mhux flimkien milli flimkien. Meta kienet tohrog wahedha, cjoe' mhux ma William, kienet tkun mal-hbieb. William kien jigi xi drabi ghandna, kien jiekol u jitlaq. Ta spiss wara li kienu johorgu kienet tigi d-dar bil-geddum, imdejqa. Kont nghidilha "Inti taf x'qed taghmel b'idejk? –*

*Min ihobb ma jaghmilx hekk.” Lilha xi drabi kont nara matura, ohrajn mohha fil-hbieb. Gieli mort maghhom jara xi post, izda ma komplewx.*

*Erba’ xhur qabel iz-zwieg qaltli li tqila u qaltli li riedu jizzewgu. Jien ghidtilha “Imma int lesta?” Naf li ma kellhomx mezzi u staqsejtha biex tahsibha seww. Skoprejt li ma kienetx tqila qabel it-tieg. Meta sirt naf dan ridt nghid lil omm William izda Angele ma ridetx hekk.”*

Illi **William Camilleri**, il-konvenut xehed permezz ta’ affidavit u *viva voce*:-

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut xehed li zzewweg lill-attrici fis-17 ta Jannar 1998, meta hu kellu sitta w ghoxrin sena u l-attrici kellha dsatax-il sena. Jghid li allavolja ir-relazzjoni taghhom damet erba snin, kienu jiggieldu ta’ spiss u jinfirdu. Waqt dawn il-*breaks* kienu jiffrekwentaw nies ohrajn.

Illi preparazzjoni serja ghaz-zwieg ma kienx hemm u t-tnejn kienu immaturi biex jiehdu dan il-pass. Fil-fatt il-preparamenti kollha tat-tieg saru bil-genn fl-ahhar tliet xhur qabel it-tieg. Il-konvenut jghid li hu jhobb il-kumpanija tal-hbieb u r-relazzjoni tieghi mal-attrici kienet aktar wahda ta bejn il-hbieb milli ta’ zewg gharajjes. Kwazi dejjem kienu johorgu fi grupp u rarament wahedhom.

Illi l-konvenut dejjem irresista l-ideja li jsib impieg iehor flok ma missieru. Kien ghal qalbu fuq ix-xoghol u deherlu li kien xoghol tajjeb.

Illi l-konvenut xehed li hu u l-attrici kienu xi sitt xhur miggieldin, imbaghad regghu rrangaw u iddecidew li jizzewgu. L-ideja kienu li jizzewgu sabiex jippruvaw jitterminaw il-glied kontinwu ta’ bejniethom. Iddecidew li ghidlu lill-genituri taghhom li l-attrici kienet tqila, biex missier il-konvenut jaghtihom post, kif kien ghamel meta oht il-konvenut harget tqila qabel iz-zmien. Dan il-pjan irnexxa u missier il-konvenut tahom post Bugibba, pero’ ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet ma tjiebitx wara z-zwieg u komplew jiggieldu bhal qabel. Il-konvenut xehed li

attendew il-kors ta’ Kana ghax bilfors u li qatt ma taw kasu. Hu u l-attrici qatt ma ddiskutew il-hajja mizzewga, familja, tfal jew flus. Il-konvenut izid jghid li l-attrici kienet zghira hafna meta izzewget u li iktar kienet mohha tmur Paceville milli f’affarijiet ohra. Skond il-konvenut, hafna mill-glied bejn il-kontendenti kien jinholoq ghax ma kienu jaqblu fuq xejn u ladarba jinqala’ argument bejniethom, ebda minnhom ma kien irid icedi. Huma hasbu li z-zwieg kien is-soluzzjoni u meta jizzewgu jirtabu xi ftit. Dan ma sehhx.

Illi dakinhar tat-tieg, il-konvenut hassu imdejjaq hafna u beda jixrob mid-dar. Jghid li kien daqsxejn xurban meta wasal il-knisja. Missieru induna li kien hemm xi haga hazina u stiednu biex jahsibha seww fuq il-pass li kien ha jiehu.

Illi wara xahrejn mizzewgin, il-partijiet isseparaw de facto. It-tnejn iltaqghu ma partners godda u ifformaw relazzjoniet stabbli mas-shab godda taghhom. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut kellhom it-tfal. Il-konvenut jghid li jdifferenza kbira bejn is-siehba prezenti tieghu u l-attrici. Skond hu l-attrici ma kienetx matura meta izzewgu u r-relazzjoni tieghu maghha kienet spinta biss minn nuqqas ta’ diskrezzjoni, infieq ta’ flus, hrug mal-hbieb u nuqqas ta’ preparazzjoni.

Illi **l-konvenut** in kontro-ezami *viva voce* xehed hekk:-

*“Mistoqsi jekk meta konna nohorgu kontx nhallas kollox jien, nghid li ghalkemm fl-affidavit ghidt li kont inhallas kollox jien fil-fatt konna nhallsu t-tnejn.*

*Waqt l-gherusija taghna kont nahdem ma missieri fil-minivan. L-attrici kienet tridni insib impieg iehor iktar fis u konna niggieldu fuq dan u qatt ma qbilna. Tul dan iz-zmien ta spiss kien jigri li konna nwasslu nies Paceville, imbaghad waqt li qed nistennuhom kont niehu lill-attrici ghal-dawra bil-van. F’dan iz-zmien hi kellha xi sbatax-il sena. Hi kienet tgerger kontinwament fuq din il-bicca.*

*Dik in-nhar tat-tieg qabel ma dhalt fil-karozza biex inmur ghac-cerimonja bdejt nixrob bid-dwejjaq, konfuzjoni u "tension". Ma kontx preparat. Nghid li hadd ma geghelni nizzewweg. Qatt ma konna nfaddlu imbaghad uzajna l-iskuza tat-tqala biex missieri jghini u fil-fatt xtrali post.*

*Il-flus li kont naqla minn missieri ghax-xoghol kont nuzahom biex naqta l-pagamenti tal-karrozza personali tieghi. Il-ftit flus li kien jibqa' kont nuzahom ghal hajja u biex ingawdi. Nghid li lanqas jien ma kont naf xi jfisser iz-zwieg u l-obbligi li jgib mieghu. Bhala zmien domna xo erba snien flimkien pero effettivament domna xi sentejn peress li konna naghmlu perjodi mifrudin fejn konna nohorgu ma partners ohrajn.*

*Fir-relazzjoni ta bejni u bejn Angele ma kienx hemm qbil jew komunikazzjoni. Angele kienet tirabbja meta kont nohrog u nibqa nahdem bil-lejl. Angele kienet tkun trid dejjem tmur tqatta z-zmien ma ommha. Rigward facendi nghid li kienet tnaddaf biss- ma kienetx tipprova jew taf issajjar u kont insajjar jien.*

*Ghandi nghid li Angele ma kienetx tingieb wisq mal-familja tieghi ghax kienet thoss li kienu jindahhlu, pero kienu jippruvaw jifthulha ghajnejjha peress li meta konna nohorgu nieklu barra ommi kienet tghidli biex infaddlu l-flus mentri Angele kienet tgerger minhabba dan.*

*Dwar l-istorja tal-pregnancy ghandi nghid li l-genituri tieghi kienu emmnuni ghal-kollox u saru jafu l-verita wara li tlaqna lil xulxin. Ommha kienet taf il-verita' izda rieditna nakkwistaw dan il-flat. Nghid li l-idea tal-"pregnancy" kienet tieghi ghax rajt li ohti kienet harget pregnant u missieri kien sellifha post ghal ftit zmien. Nghid illi kieku ma vvintajniex din l-istorja tat-tqala missieri zgur li ma kienx jaghtini post."*

Illi **Carmen Camilleri** omm il-konvenut xehdet *viva voce*:

*"Jiena omm il-konvenut. Nghid li William u Angele kienu jiggieldu ta spiss. Ma tantx kont naghti kaz fuq xiex kien ikun dan il-glied tul l-gherusija li damet xi hames snin. Tul*

*dan iz-zmien mhux dejjem kienu flimkien u gieli kienu johorgu ma nies ohrajn. Tul l-gherusija gieli gewni dubji serji fuq kemm kienu preparati ghaz-zwieg, tant illi diversi drabi kellimt lil ommha li da parti taghha wkoll wriet xi dubbji u qalet li ppruvat tifthilhom ghajnejhom.*

*Meta ibni habbarli li kienu bu hsiebhom jizzewgu jien hadtha bi kbira u staqsejtu jekk kienx jaf x'qieghed jaghmel. Missieru kien prezenti u qalu l-istess f'din l-okkazjoni. Qatt ma rajt lil Angele jew William igemghu flus ghat-tieg jew ghal-hajja mizewga. Angele gieli kienet tidhol ghandna izda ma tantx kienet tqatta hin hemmhekk.*

*Darba qabel iz-zwieg, it-tifel kien dar fuqi u fuq ir-ragel u qalli li Angele kienet harget tqila u staqsieni jekk setghux juzaw il-post li kelli Bugibba. Meta smajt dan bdejt nibki ghax indunajt li ma kienux preparati. Missieru ukoll hadha bi kbira, irrabbja ghax kien ihoss li ma kienux maturi bizejjed biex jizzewgu. Izda sellifnihom il-post. Dan kien xi xhur qabel iz-zwieg. Ir-relazzjonijiet baqghu xorta wara dan l-incident.*

*Fil-gurnata tat-tieg, William beda jixrob il-whiskey, minn xi l-erbgha ta wara nofsinhar. It-tieg kien fis-sebgha w nofs ta filghaxija. Tant xorob li tar-ritratti ghamel ghalih u qallu li l-gharusa lanqas biss kienet libset u hu diga kien fis-sakra. Ghandi nghid li kien qed jixrob ghax kien imdejjaq. Lejliet it-tieg missieru kien qallu fil-presenza tieghi li ma kienx qed jarah fi stat li jizzewweg u li seta' jhassar anke f'dak l-istadju u William ma tkellem xejn"..*

Illi in **kontro-ezami** jghid**:**

Illi tul l-gherusija William u Angele gieli damu xhur shah mhux flimkien. Tul l-istess perjodu William kien jahdem bil-minivan ta missieru u dan ta' l-ahhar kien ihallsu fil-gimgha. Ma nafx kemm kienet tkunir-rata ta paga izda naf li William kien jahbat ta spiss minhabba l-fatt li William u Angela kienu qed ikunu jiggieldu fil-karrozza. Ghandi nghid li mhux huma hallsu ghat-tieg. Bil-flus li kienu jaqalghu kienu jonfquhom fuq divertiment u hrug. Ahna sirna nafu li Angele ma kienetx tqila xi xhur wara li zzewgu

u wara li kienu telqu lil xulxin. Ahna inkwetajna. Ghandi nghid li nahseb li telaqha ghax skond dak li kien jghidli hu ma kenitx tlestilu l-ikel u kienet tkellmu hazin fuqna.

**(II). PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici tinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fil-kunsens li taw il-partijiet bhala raguni ghaliex iz-zwieg taghhom ghandu jigi iddikjarat null u bla effett. Dan ai termini tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

**19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:*

Illi rigward dak li jinghad fis-**sub inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** – **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita rikjesta sabiex wiehed jikuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al*

*momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-Qorti taqbel mal-brava Perit Legali Dr. Claire Bonello li jirrizulta li l-partijiet ma dahlux ghaz-zwieg b'konoxxenza shiha li dan kien ser ikun impenn totali ghal hajjitom kollha. Fil-fatt jidher li l-konsiderazzjoni magguri ghalihom kien li jakkwistaw post fejn joqoghdu mill-genituri tal-konvenut, u ghalhekk ivvintaw l-istorja tat-tqala finta – prova cara illi d-decizjoni taz-zwieg tal-partijiet kienu ibbazati ghal kollox fuq motivi zbaljati.

Illi jirrizulta li ma kienx hemm preparazzjoni adegwata biex il-partijiet ihejju ruhhom ghar-rabta taz-zwieg u ghal-*commitment* li jgib mieghu dan l-istat. Allavolja il-kontendenti kienu ilhom erba snin jaraw lil xulxin, ghamlu zminijiet twal mifrudin, matul liema perjodi kienu jiffrekwentaw *partners* ohrajn. Fiz-zmien li damu flimkien kienu jqattghuh fil-hrug u kienu jillitikaw ta spiss.

Illi l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li bil-kunsens taghhom il-partijiet jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility"*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi jirrizulta li m'hemm ebda indikazzjoni li l-partijiet qatt iddiskutew kif kienet ser tkun il-hajja konjugali jew li wrew xi interess biex jissoddaw ir-relazzjoni taghhom in vista taz-zwieg. L-attrici tghid li wara li skopriet li l-konvenut kien qed jara lill-terza persuna waqt ir-relazzjoni taghhom, regghet harget mieghu b'sens ta' pika u dakinhar stess iddecidew li jizzewgu u li jghidu lill-genituri taghhom li hi kienet tqila. Minn dan johrog car in-nuqqas ta maturita u konjizzjoni ta' xi jfisser iz-zwieg da parti taz-zewg kontendenti. Huma ma kellhom ebda hsieb li jifformaw unjoni permanenti, izda li jottjenu post fejn joqghodu u li jissorvolaw il-glied kontinwu li kien jinqala' bejniethom. Mix-xhieda tal-partijiet johrog il-fatt li bejniethom qatt ma kien hemm dak is-sentiment li juri konoxxenza u affermazzjoni li t-tnejn riedu jaqsmu hajjithom fil-forom kollha taghhom flimkien, u cioe li jaghtu lilhom infushom f'komunjoni ta' mhabba bhala shab permanenti. Ghalkemm it-tnejn kienu jafu x'kienu qed jaghmlu bhala att formali naqsu fihom il-konoxxenza tal-impenn totali ghal hajjithom kollha.

Illi l-konkluzjoni tal-Perit Legali kienet is-segwenti:-

*"L-esponenti tissottometti illi kien hemm bizejjed fatti f'din il-kawza sabiex jigi ddikjarat illi l-kunsens tal-partijiet kien affett b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet essenzjali taghha u ghalhekk iz-zwieg tal-partijiet ghandu jigi ddikjarat null u bla effett".*

Illil l-Qorti taqbel perfettament ma' dak li rrelatat il-brava Perti Legali u taddotta l-istess rapport bhala parti minn din

id-decizjoni b'dan li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null skond id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi l-Qorti ezaminat il-provi prodotti fid-dawl tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre` fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null anke abbazi ta' dan is-sub-artikolu peress li z-zewg partijiet ma kienux preparati u lanqas fil-mument taz-zwieg ma setghu jifhmu s-sinifikat tal-istess zwieg u certament ma kellhom f'mohhhom ebda unjoni ta' hajja necessarja f'tali istitut, b'mod li kienu lesti li jibqghu jghixu l-hajja ghal rashom bla ebda responsabbiltajiet ta' xejn. U dan dovut ukoll ghall-eta' zghira u l-ghaggla zejda meta huma ghamlu dan il-pass. Bizzejjed wiehed jghid li dan iz-zwieg, jekk jista' jissejjah hekk, dam biss xahrejn.

Ghalhekk certament li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva tal-hajja mizzewga u tal-elementi kollha essenzjali ghall-hajja mizzewga, tant li lanqas il-konvivenza ghal terminu qasir ma setghu jissaportu.

Illi abbazi ta' dak prodott, din il-Qorti ghalhekk tiddikjara l-istess zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett ukoll *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konventu inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-17 ta' Jannar 1998 fil-Knisja tal-Kapuccini. Floriana, u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------